MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Rikors Numru. 771/2001/2

**Avukat Dott. Victor Ragonesi**

***Versus***

**Albert Stagno Navarra u Perit Frank Giordmaina Medici f'isimhom proprju u bħala diretturi u a nom ta'** ***Heritage Estates Limited*****; u l-istess** ***Heritage Estates Limited***

Dan il-provvediment huwa dwar talba biex il-qorti tqis mill-ġdid dikriet mogħti minnha fil-11 ta' Diċembru 2003 u biex tqis ukoll l-atti ta' kawża mibdija minn terzi. Il-fatti relevanti huma dawn:

L-attur fetaħ kawża kontra soċjetà kummerċjali u kontra d-diretturi tagħha f'isimhom *proprio* u talab illi l-konvenuti jroddulu erbgħin elf lira (Lm40,000) li kienu qegħdin iżommu *sine causa* u jħallsu l-imgħax u l-ispejjeż. B'sentenza mogħtija fis-26 ta' Ġunju 2001 il-qorti laqgħet it-talba ta' l-attur safejn magħmula kontra s-soċjetà u

ordnat illi l-kawża tkompli miexja kontra l-konvenuti *proprio*. Sar appell minn dik is-sentenza iżda l-appell kien miċħud b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Diċembru 2002 u l-atti ntbagħtu lura quddiem din il-qorti sabiex jitkompla s-smigħ tal-kawża kontra l-konvenuti *proprio*.

B'dikriet tat-12 ta' Diċembru 2002 din il-qorti tat lill-partijiet żmien sabiex jippreżentaw dokumenti u jressqu xhieda *b'affidavit* u ordnat illi s-smigħ quddiemha jitkompla fid-9 ta' Diċembru 2003 sabiex dakinhar jinstemgħu x-xhieda li jkun fadal u jsiru l-kontro-eżamijiet.

L-attur ma għamel xejn fiż-żmien li ngħatalu bid-dikriet tat-12 ta' Diċembru 2002, iżda fit-2 ta' Diċembru 2003 b'rikors talab li jressaq xhieda li ma kinux dikjarati sabiex jixhdu dwar dejn illi s-soċjetà konvenuta għandha lejn terzi. Fis-seduta tad-9 ta' Diċembru 2003, imbagħad, ma ressaqx xhieda.

B'dikriet tal-11 ta' Diċembru 2003 il-qorti ċaħdet it-talba magħmula bir-rikors ta' l-attur tat-2 ta' Diċembru 2003, u qieset magħluq il-ġbir tax-xhieda.

B'rikors tas-16 ta' Diċembru 2003 l-attur talab illi l-qorti tqis mill-ġdid id-dikriet tal-11 ta' Diċembru 2003, u b'rikors ieħor tat-28 t'Ottubru 2004 talab illi l-qorti "tieħu konjizzjoni" ta' kawża magħmula minn terzi kontra l-partijiet fil-kawża tallum b'talba biex jitħassru l-atti esekuttivi maħruġa kontra s-soċjetà konvenuta fuq talba ta' l-attur biex jesegwixxi d-dejn kanonizzat bis-sentenza fuq imsemmija tas-26 ta' Ġunju 2001, u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Diċembru 2002.

Dan il-provvediment tallum huwa dwar dawn iż-żewġ rikorsi.

Il-qorti tifhem illi r-relevanza tad-dejn pretiż minn terzi u tal-proċeduri mibdija minn terzi biex jitħassru l-atti esekuttivi maħruġa fuq talba ta' l-attur ma tolqotx il-meritu tal-kawża tallum. Tista' tolqot l-interess ta' l-attur biex ikompli b'din il-kawża, għax jekk jitħallas mingħand is-soċjetà konvenuta ma jkollux aktar interess ikompli jfittex lill-konvenuti *proprio* għall-ħlas ta' l-istess dejn, iżda ma tolqotx il-meritu tal-kawża li huwa dwar jekk il-konvenuti *proprio* humiex responsabbli għal dak id-dejn. Jekk lill-attur ma jseħħlux li jitħallas mingħand is-soċjetà, dak il-fatt ma jkunx prova dwar jekk, meta nfetħet il-kawża tallum, il-

konvenuti *proprio* kinux ukoll debituri flimkien mas-soċjetà, li huwa l-meritu li fadal ta' din il-kawża.
Billi għalhekk ma tara li hemm ebda raġuni għala għandha tibdel id-dikriet tagħha tal-11 ta' Diċembru 2003, u għala għandha tqis proċeduri mibdija minn terzi li ma għandhomx relevanza għall-meritu tal-kawża quddiemha, il-qorti tiċħad it-talbiet magħmula bir-rikorsi tas-16 ta' Diċembru 2003 u tat-28 t'Ottubru 2004.
L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallashom l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------